

Brussell, 20 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

10635/25

EF 214
ECOFIN 856
DELECT 88

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	19 ta' Ġunju 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2025) 3104 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'18.6.2025 li jemenda l-istandards tekniċi regolatorji stabbiliti fir-Regolamenti Delegati (UE) 2017/583 u (UE) 2017/587 fir-rigward tar-rekwiżiti ta' trasparenza għaċ-ċentri tan-negozjar u d-ditti ta' investiment fir-rigward tal-bonds, il-prodotti finanzjarji strutturati, il-kwoti tal-emissjonijiet, u l-istrumenti ta' ekwità

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument C(2025) 3104 final.

Mehmuż: C(2025) 3104 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.6.2025
C(2025) 3104 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'18.6.2025

li jemenda l-istandards tekniċi regolatorji stabbiliti fir-Regolamenti Delegati (UE) 2017/583 u (UE) 2017/587 fir-rigward tar-rekwiżiti ta' trasparenza għaċ-ċentri tan-negozjar u d-ditti ta' investiment fir-rigward tal-bonds, il-prodotti finanzjarji strutturati, il-kwoti tal-emissjonijiet, u l-istrumenti ta' ekwiżità

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ (MiFIR, Regulation on markets in financial instruments) jirregola kif jaħdem in-negozjar fl-UE. L-aħħar emendi leġiżlattivi tal-MiFIR ġew introdotti bir-Regolament (UE) 2024/791 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² (ir-rieżami tal-MiFIR). Ir-rieżami tal-MiFIR ineħħi l-ostakli ewlenin għall-ħolqien ta' tliet tapes konsolidati (CTs, consolidated tapes), wieħed għal kull waħda mill-klassijiet ta' assi li ġejjin: bonds, ishma u fondi negozjati fil-borża (ETFs, exchange-traded funds), u derivattivi barra l-borża. Ir-rieżami tal-MiFIR isahha ukoll it-trasparenza u jżid il-kompetittività tas-swieq tal-UE fix-xenarju globali. Dan ġie ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fit-8 ta' Marzu 2024 u daħal fis-seħħ fit-28 ta' Marzu 2024.

Ir-rieżami tal-MiFIR jirrikjedi li l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA, European Securities and Markets Authority) tiżviluppa standards tekniċi regolatorji (RTSs, regulatory technical standards) biex tistabbilixxi wħud mid-dettalji tekniċi tar-regoli l-ġodda. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta tali abbozzi tal-RTSs f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³.

Ir-rieżami tal-MiFIR introduċa emendi għar-rekwiżiti ta' trasparenza applikabbli għaċ-ċentri tan-negozjar u d-ditti ta' investiment fir-rigward tal-istrumenti ta' ekwità u mhux ta' ekwità bl-għan li jiġu ssimplifikati u armonizzati aktar ir-regoli, tiżdied it-trasparenza tan-negozjar (b'mod partikolari, għal strumenti mhux ta' ekwità, bħal bonds u derivattivi) u jittejjeb il-proċess tal-formazzjoni tal-prezzijiet. Ir-regoli emendati, min-naħa tagħhom, se jagħmlu t-tapes konsolidati għodda ta' aktar valur għall-investituri.

Fid-dawl tar-regoli emendati tal-MiFIR dwar it-trasparenza, issa huwa meħtieġ li jiġi aġġornat l-RTS rilevanti, b'mod partikolari r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/583⁴ dwar ir-rekwiżiti ta' trasparenza fir-rigward tal-bonds, tal-prodotti finanzjarji strutturati (SFPs, structured finance products) u tal-kwoti tal-emissjonijiet u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/587⁵ dwar ir-rekwiżiti ta' trasparenza fir-rigward tal-istrumenti ta'

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 84, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/600/oj>)

² Ir-Regolament (UE) 2024/791 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Frar 2024 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 600/2014 fir-rigward tat-tisħiħ tat-trasparenza tad-data, l-eliminazzjoni ta' ostakli għall-emerġenza ta' tapes konsolidati, l-ottimizzazzjoni tal-obbligi ta' negozjar u l-projbizzjoni li jiġi riċevut pagament għall-fluss tal-ordnijiet (ĠU L, 2024/791, 8.3.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/791/oj>).

³ Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84-119).

⁴ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/583 tal-14 ta' Lulju 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar rekwiżiti ta' trasparenza għal ċentri tan-negozjar u ditti ta' investiment fir-rigward tal-bonds, il-prodotti finanzjarji strutturati, il-kwoti ta' emissjonijiet u d-derivattivi (ĠU L 87, 31.3.2017, p. 229).

⁵ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/587 tal-14 ta' Lulju 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar rekwiżiti ta' trasparenza għall-ċentri tan-negozjar u ditti ta' investiment fir-rigward ta' ishma, irċevuti depożitarji, fondi nnegozjati fil-boroż, ċertifikati u strumenti finanzjarji simili oħrajn u dwar obbligi ta' eżekuzzjoni tat-tranżazzjoni fir-

ekwità. Abbażi tal-iskeda ta' żmien li tinsab fl-għoti tas-setgħa stabbilita fl-Artikolu 11a(3) tal-MiFIR, se jiġu introdotti emendi addizzjonali tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/583 fi stadju aktar tard fir-rigward tal-kalibrazzjoni tar-regoli ta' trasparenza prenegożjar u postnegożjar għad-derivattivi.

B'mod aktar speċifiku, l-emendi tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/583 (trasparenza mhux tal-ekwità) għandhom l-għan li jilhqnu l-oġettivi li ġejjin:

- jaġġornaw id-definizzjonijiet;
- jiġu aġġornati u/jew jitħassru dispożizzjonijiet biex jiġi żgurat l-allinjament mad-dispożizzjonijiet rieżaminati tal-MiFIR li diġà ddaħlu fis-seħħ (eż. il-limitazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza ta' qabel in-negożjar għar-reġistri ċentrali tal-ordnijiet b'limitu u s-sistemi ta' negożjar bi rkant perjodiku u t-tħassir konsegwenti tal-possibbiltà li l-awtoritajiet kompetenti jeżentaw lill-operaturi tas-suq u d-ditti ta' investiment li joperaw ċentru tan-negożjar mill-obbligu li jipubblikaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(1) tal-MiFIR għal indikazzjonijiet ta' interess azzjonabbli f'sistemi ta' talbiet għal kwotazzjoni u ta' negożjar bil-vuċi li jkunu akbar minn daqs speċifiku għall-istrument finanzjarju);
- jiġu aġġornati r-rekwiżiti tat-trasparenza ta' qabel in-negożjar fir-rigward tal-bonds, tal-SFPs u tal-kwoti tal-emissjonijiet;
- jiġu kkalibrati r-rekwiżiti ta' trasparenza ta' wara n-negożjar għall-bonds, l-SFPs u l-kwoti tal-emissjonijiet.

L-emendi tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/587 (trasparenza tal-ekwità) għandhom l-għan li jilhqnu l-oġettivi li ġejjin:

- jiġu speċifikati d-dettalji tad-data ta' qabel in-negożjar li għandha ssir pubblika mill-operaturi tas-suq u d-ditti ta' investiment li joperaw ċentru tan-negożjar fir-rigward tal-ishma, ir-riċevuti depożitarji, l-ETFs, iċ-ċertifikati u strumenti finanzjarji simili oħra;
- tiġi rfinata l-metodoloġija biex tiddetermina l-aktar suq rilevanti f'termini ta' likwidità;
- jiġu speċifikati r-rekwiżiti ta' trasparenza ta' qabel in-negożjar għall-internalizzaturi sistematiċi;
- jiġu speċifikati aktar il-karatteristiċi tat-tranżazzjonijiet li ma jikkontribwixxux għall-proċess ta' identifikazzjoni tal-prezz, u għalhekk eżenti mill-obbligu ta' negożjar tal-ishma;
- jippermettu l-waqfien tal-ġbir tad-data fis-Sistema ta' Trasparenza tal-Istrumenti Finanzjarji (FITRS, Financial Instruments Transparency System) u fis-Sistema tal-Limitazzjoni Doppja tal-Volum (DVCAP, Double Volume Cap System) u l-użu tad-data tat-tranżazzjonijiet, irrapportata skont l-Artikolu 26 tal-MiFIR, bħala s-sors tad-data biex jitwettqu kalkoli tat-trasparenza għall-istrumenti tal-ekwità;
- jiġu aġġornati u/jew irfinati aktar ċerti dispożizzjonijiet oħra.

L-emendi tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/583 u tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/587 huma kkombinati f'Regolament Delegat tal-Kummissjoni

rigward ta' ċertu ishma f'ċentru tan-negożjar jew minn internalizzaturi sistematiċi (ĠU L 87, 31.3.2017, p. 387).

wieħed, peress li huma kollha meħtieġa biex jinkiseb reġim effettiv ta' trasparenza u għall-istabbiliment b'suċċess tat-tapes konsolidati għall-bonds u l-ekwitajiet.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

F'konformità mal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, qabel ma ppreżentat l-RTSs lill-Kummissjoni, l-ESMA wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa mal-partijiet ikkonċernati⁶. L-ESMA kkonsultat ukoll lill-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq (SMSG, Securities and Markets Stakeholders Group), li ppubblika l-Parir tagħhom lill-ESMA fis-17 ta' Settembru 2024⁷. F'konformità mal-Artikolu 11 tal-MiFIR, l-ESMA kkunsidrat il-parir tal-Grupp ta' Esperti tal-partijiet ikkonċernati dwar il-kwalità tad-data tas-suq tal-ekwià u mhux tal-ekwià u l-protokollu tat-trażmissjoni⁸.

L-ESMA wettqet analiżi tal-kostijiet-benefiċċji, li ġiet inkluża fir-rapport finali flimkien mal-eżitu tal-attivajiet ta' konsultazzjoni⁹. L-ESMA baġtet ir-rapport finali dwar l-RTSs lill-Kummissjoni f'Diċembru 2024, f'konformità mal-iskadenzi stabbiliti fil-MiFIR.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

Dan ir-Regolament Delegat għandu l-għan li jispeċifika d-dettalji tekniċi tar-reġim il-ġdid tal-MiFIR relatati mar-rekwiżiti ta' trasparenza għall-bonds, l-SFPs, il-kwoti tal-emissjonijiet u l-istrumenti ta' ekwià.

1. L-Artikolu 1 jintroduċi l-emendi għar-Regolament Delegat (UE) 2017/583 relatati mal-bonds, l-SFPs u l-kwoti tal-emissjonijiet;
2. L-Artikolu 2 jintroduċi l-emendi għar-Regolament Delegat (UE) 2017/587 dwar l-istrumenti ta' ekwià;
3. L-Artikolu 3 jiddefinixxi d-dħul fis-seħħ u data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

⁶ Id-dokumenti ta' konsultazzjoni huma disponibbli hawnhekk: [Review of RTS 2 on transparency for bonds, structured finance products and emission allowances, draft RTS on reasonable commercial basis and review of RTS 23 on supply of reference data; Technical advice \(Section 3\), RTS 1 \(Section 4\), the RTS on input/output data for shares and ETFs CTP \(Section 8\) and the flags under RTS 2.](#)

⁷ Il-Parir lill-ESMA huwa disponibbli hawnhekk: [ESMA24-229244789-5138 SMSG advice on the May 2024 MiFIR Consultation Package.](#)

⁸ Ir-Rapporti Finali huma disponibbli hawnhekk: [Reports by the expert stakeholder group on equity and non-equity market data quality and transmission protocols - il-Kummissjoni Ewropea](#)

⁹ Ir-Rapporti Finali tal-ESMA huma disponibbli hawnhekk: [Final Report on equity transparency; Final Report on the Review of RTS 2 on transparency for bonds, structured finance products and emission allowances and RTS on reasonable commercial basis.](#)

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'18.6.2025

li jemenda l-istandards tekniċi regolatorji stabbiliti fir-Regolamenti Delegati (UE) 2017/583 u (UE) 2017/587 fir-rigward tar-rekwiżiti ta' trasparenza għaċ-ċentri tan-negożjar u d-ditti ta' investiment fir-rigward tal-bonds, il-prodotti finanzjarji strutturati, il-kwoti tal-emissjonijiet, u l-istrumenti ta' ekwiwità

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012¹⁰, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(6), it-tielet subparagrafu, l-Artikolu 7(2), it-tielet subparagrafu, l-Artikolu 9(5), it-tielet subparagrafu, l-Artikolu 11(4), ir-raba' subparagrafu, l-Artikolu 14(7), it-tielet subparagrafu, l-Artikolu 20(3), it-tielet subparagrafu, l-Artikolu 21(5), it-tielet subparagrafu, l-Artikolu 22(3), it-tieni subparagrafu, u l-Artikolu 23(3), it-tielet subparagrafu, tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2016/1033 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹ emenda r-Regolament (UE) Nru 600/2014 billi introduċa fl-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament definizzjoni ta' "tranżazzjoni f'pakkett". Peress li r-regolamenti delegati jenħtiegħ li ma jkunx fihom definizzjonijiet li huma diġà stabbiliti fl-atti leġiżlattivi, isegwi li l-istess definizzjoni ta' "tranżazzjoni f'pakkett", kif stabbilit bħalissa fl-Artikolu 1, il-punt (1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/583¹², jenħtiegħ li titneħħa minn dak ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (UE) 2024/791 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹³ emenda r-Regolament (UE) Nru 600/2014 billi llimita r-rekwiżit li jiġu ppubblikati

¹⁰ ĠU L 173, 12.6.2014, p. 84, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/600/oj>.

¹¹ Ir-Regolament (UE) 2016/1033 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ġunju 2016 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 600/2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji, ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 dwar l-abbuż tas-suq u r-Regolament (UE) Nru 909/2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli (ĠU L 175, 30.6.2016, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1033/oj>).

¹² Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/583 tal-14 ta' Lulju 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar rekwiżiti ta' trasparenza għal ċentri tan-negożjar u ditti ta' investiment fir-rigward tal-bonds, il-prodotti finanzjarji strutturati, il-kwoti ta' emissjonijiet u d-derivattivi (ĠU L 87, 31.3.2017, p. 229, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2017/583/oj).

¹³ Ir-Regolament (UE) 2024/791 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Frar 2024 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 600/2014 fir-rigward tat-tisħiħ tat-trasparenza tad-data, l-eliminazzjoni ta' ostakli għall-emerġenza ta' tapes konsolidati, l-ottimizzazzjoni tal-obbligi ta' negożjar u l-projbizzjoni li jiġi

kwotazzjonijiet sodi jew indikattivi fir-rigward ta' strumenti mhux ta' ekwità għal reġistri ċentrali tal-ordnijiet b'limitu u sistemi ta' negozjar bi rkant perjodiku. B'konsegwenza ta' dan, ir-Regolament (UE) 2024/791 ħassar ukoll l-Artikolu 9(5), il-punt (d), tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, li ta s-setgħa lill-Kummissjoni, *inter alia*, li tistabbilixxi definizzjoni ta' "talba għal kwotazzjoni" u "sistemi ta' negozjar bil-vuċi" għall-finijiet ta' eżenzjoni mid-divulgazzjoni ta' qabel in-negozjar. Minn dan isegwi li dawk id-definizzjonijiet jenħtieġ li jitneħħew mill-Artikolu 1 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/583. Jeħtieġ ukoll li jitħassru s-sistemi ta' negozjar ibbażati fuq il-kwotazzjonijiet, ta' talba għal kwotazzjoni u ta' negozjar bil-vuċi mill-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2017/583.

- (3) Ir-Regolament (UE) 2024/791 emenda r-Regolament (UE) Nru 600/2014 billi daħħal punt (f) ġdid fl-Artikolu 9(5) ta' dak ir-Regolament. Skont dik id-dispożizzjoni, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tispesifika l-karatteristiċi ta' "reġistri ċentrali tal-ordnijiet b'limitu" (CLOBs, central limit order books) u "sistemi ta' negozjar bi rkant perjodiku". Għalhekk jeħtieġ li jiġu introdotti definizzjonijiet għal dak l-għan fir-Regolament Delegat (UE) 2017/583. Sistema ta' negozjar operata permezz ta' reġistru tal-ordnijiet li jinkludi biss kwotazzjonijiet ta' ġeneraturi tas-suq, u algoritmu tan-negozjar li jqabbel ordnijiet ta' xiri u bejgħ li jidħlu ma' kwotazzjonijiet ta' ġeneraturi tas-suq b'limitu mingħajr intervent uman abbażi tal-aħjar prezz disponibbli fuq bażi kontinwa jenħtieġ li titqies bħala sistema ta' negozjar kontinwu permezz ta' reġistru tal-ordnijiet. Sistema ta' negozjar operata permezz ta' reġistru tal-ordnijiet fejn il-kwotazzjonijiet tal-fornituri tal-likwidità jiġu kkonfermati qabel l-eżekuzzjoni potenzjali ta' ordni li tidħol u algoritmu tan-negozjar li jqabbel ordnijiet ta' xiri u bejgħ li jidħlu mal-kwotazzjonijiet ikkonfermati tal-fornituri tal-likwidità mingħajr intervent uman abbażi tal-aħjar prezz disponibbli fuq bażi kontinwa jenħtieġ li titqies ukoll bħala sistema ta' negozjar kontinwu permezz ta' reġistru tal-ordnijiet. Meta sistema ta' negozjar permezz tas-CLOB tikkombina elementi ta' sistema ta' negozjar kontinwu permezz ta' reġistru tal-ordnijiet u ta' sistema ta' negozjar bi rkant perjodiku, il-komponent tar-reġistru tal-ordnijiet kontinwu u l-komponent tal-irkant perjodiku tas-sistema ta' negozjar permezz tas-CLOB jenħtieġ li jkunu soġġetti għar-rekwiżiti ta' informazzjoni stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2017/583 għal sistemi ta' negozjar kontinwu permezz ta' reġistru tal-ordnijiet u sistemi ta' negozjar bi rkant perjodiku rispettivament.
- (4) L-Artikolu 54(3) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 jistipula li d-dispożizzjonijiet tal-atti delegati adottati skont dak ir-Regolament kif applikabbli qabel it-28 ta' Marzu 2024 għandhom ikomplu japplikaw sad-data tal-applikazzjoni tal-atti delegati adottati skont dak ir-Regolament kif applikabbli mit-28 ta' Marzu. Fl-avviż tal-Kummissjoni dwar l-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni tad-dispożizzjoni tranżizzjonali stabbilita fir-Regolament (UE) 2024/791¹⁴, il-Kummissjoni ċċarat li l-Artikolu 54(3) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 għandu l-għan li jiżgura l-kontinwità għall-parteċipanti fis-suq filwaqt li qed jitħejjew ir-regolamenti delegati l-ġodda tal-Kummissjoni. Sabiex tiġi żgurata tali kontinwità fil-prattika, jenħtieġ li jiġi introdott l-

riċevut pagament għall-fluss tal-ordnijiet (ĠU L, 2024/791, 8.3.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/791/oj>).

¹⁴ L-Avviż tal-Kummissjoni dwar l-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni tad-dispożizzjoni tranżizzjonali stipulata fir-Regolament (UE) 2024/791 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 600/2014 fir-rigward tat-tisħiħ tat-trasparenza tad-data, l-eliminazzjoni ta' ostakli għall-emerġenza ta' tapes konsolidati, l-ottimizzazzjoni tal-obbligi ta' negozjar u l-projbizzjoni li jiġi riċevut pagament għall-fluss tal-ordnijiet, C/2024/2966.

Artikolu 1a ġdid fir-Regolament Delegat (UE) 2017/583 biex jispeċifika liema Artikoli ta' dak ir-Regolament Delegat jenħtieġ li jkomplu japplikaw biss fir-rigward tad-derivattivi. Dawk l-Artikoli jenħtieġ li jibqgħu japplikaw flimkien mad-dispożizzjonijiet fir-Regolament (UE) Nru 600/2014 li jissupplimentaw, kif applikabbli qabel it-28 ta' Marzu 2024. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi ċċarat ukoll li r-referenzi għall-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 li jinsabu f'dawk l-Artikoli jenħtieġ li jinftiehm u bħala referenzi għall-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, kif applikabbli qabel it-28 ta' Marzu 2024.

- (5) Skont l-Artikolu 9(5), il-punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tispeċifika d-daqs tal-ordnijiet ta' skala kbira meta mqabbla mad-daqs normali tas-suq. L-Artikolu 9(1), il-punt (a), ta' dak ir-Regolament jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jeżentaw, għal tali ordnijiet, lill-operaturi tas-suq u lid-ditti ta' investiment li joperaw ċentru tan-negozjar mill-obbligu li jipubblikaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(1) ta' dak ir-Regolament. Il-Kummissjoni speċifikat id-daqs tal-ordnijiet li huma kbar fl-iskala fl-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/583. Madankollu, ir-Regolament (UE) 2024/791 emenda l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 biex jipprevedi rekwiżiti speċifiċi ta' trasparenza ta' qabel in-negozjar għaċ-ċentri tan-negozjar fir-rigward tal-bonds, il-prodotti finanzjarji strutturati u l-kwoti tal-emissjonijiet, u introduċa Artikolu 8a ġdid f'dak ir-Regolament biex jipprevedi rekwiżiti speċifiċi ta' trasparenza ta' qabel in-negozjar għaċ-ċentri tan-negozjar fir-rigward tad-derivattivi. Minn dik l-emenda jirriżulta li d-determinazzjoni ta' jekk ordni hijiex ta' skala kbira, kif imsemmi fl-Artikolu 9(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, se tkun differenti għall-bonds, il-prodotti finanzjarji strukturati u l-kwoti tal-emissjonijiet, minn naħa waħda, u għad-derivattivi, min-naħa l-oħra. Għalhekk jenħtieġ li jiġi introdott Artikolu 3a ġdid fir-Regolament Delegat (UE) 2017/583 biex jipprevedi regoli speċifiċi dwar id-determinazzjoni ta' "ordnijiet li huma kbar fl-iskala" għal bonds, prodotti finanzjarji strukturati u kwoti tal-emissjonijiet. Sabiex jinkiseb reġim ta' trasparenza ta' qabel in-negozjar aktar stabbli, dawn ir-regoli jenħtieġ li jiddependu fuq determinazzjoni statika ta' "ordnijiet li huma kbar fl-iskala".
- (6) Sabiex jakkomoda għal-limitazzjoni tat-trasparenza ta' qabel in-negozjar fir-rigward ta' strumenti mhux ta' ekwità għal CLOBs u sistemi ta' negozjar bi rkant perjodiku, ir-Regolament (UE) 2024/791 ħassar l-Artikolu 9(1), il-punt (b) mir-Regolament (UE) Nru 600/2014. Dak il-punt iippermetta lill-awtoritajiet kompetenti jeżentaw lill-operaturi tas-suq u lid-ditti ta' investiment li joperaw ċentru tan-negozjar mill-obbligu li jipubblikaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(1) ta' dak ir-Regolament għal indikazzjonijiet ta' interess azzjonabbli f'sistemi ta' talba għal kwotazzjoni u ta' negozjar bil-vuċi li jkunu akbar minn daqs speċifiku għall-istrument finanzjarju. Skont l-Artikolu 9(5), il-punt (d), tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, il-Kummissjoni ngħatat is-setgħa li tispeċifika d-daqs speċifiku għal dawk l-istrumenti finanzjarji li għalihom tista' tiġi eżentata d-divulgazzjoni ta' qabel in-negozjar, li l-Kummissjoni għamlet fl-Artikolu 5 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/583. Peress li r-Regolament (UE) 2024/791 ħassar mir-Regolament (UE) Nru 600/2014 kemm l-Artikolu 9(1), il-punt (b), kif ukoll l-għoti tas-setgħa stabbilit fl-Artikolu 9(5), il-punt (d), isegwi li l-Artikolu 5 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/583 jenħtieġ li jitħassar ukoll. Jeħtieġ ukoll li jitħassru r-referenzi kollha għall-Artikolu 5 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/583 minn dispożizzjonijiet oħra ta' dak ir-Regolament.
- (7) Skont l-Artikolu 9(5), il-punt (e), tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tispeċifika l-istrumenti finanzjarji jew il-klassijiet ta' strumenti

finanzjarji li għalihom ma jkunx hemm suq likwidu fejn id-divulgazzjoni ta' qabel in-negożjar tista' tiġi eżentata skont l-Artikolu 9(1) ta' dak ir-Regolament. L-Artikolu 9(1), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jeżentaw, għal tali strumenti jew klassijiet ta' strumenti finanzjarji, lill-operaturi tas-suq u lid-ditti ta' investiment li joperaw ċentru tan-negożjar mill-obbligu li jippubblikaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(1) ta' dak ir-Regolament. Il-Kummissjoni speċifikat il-klassijiet ta' strumenti finanzjarji li għalihom ma hemmx suq likwidu fl-Artikolu 6 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/583. Madankollu, ir-Regolament (UE) 2024/791 emenda l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 biex jipprevedi rekwiżiti speċifiċi ta' trasparenza ta' qabel in-negożjar għaċ-ċentri tan-negożjar fir-rigward tal-bonds, il-prodotti finanzjarji strutturati u l-kwoti tal-emissjonijiet, u introduċa Artikolu 8a ġdid f'dak ir-Regolament biex jipprevedi rekwiżiti speċifiċi ta' trasparenza ta' qabel in-negożjar għaċ-ċentri tan-negożjar fir-rigward tad-derivattivi. Minn dawk l-emendi jirriżulta li d-determinazzjoni ta' jekk hemmx suq likwidu, kif imsemmi fl-Artikolu 9(1), il-punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, se tkun differenti għall-bonds, il-prodotti finanzjarji strukturati u l-kwoti tal-emissjonijiet, minn naħa waħda, u għad-derivattivi, min-naħa l-oħra. Għalhekk jenħtieġ li jiġi introdott Artikolu 6a ġdid fir-Regolament Delegat (UE) 2017/583 biex jipprevedi regoli speċifiċi dwar id-determinazzjoni ta' jekk hemmx "suq likwidu" għall-bonds, il-prodotti finanzjarji strukturati u l-kwoti tal-emissjonijiet. Sabiex jinkiseb reġim ta' trasparenza aktar stabbli, dawk ir-regoli jenħtieġ li jiddependu fuq determinazzjoni statika tal-likwidità.

- (8) Ir-Regolament (UE) 2024/791 introduċa fl-Artikolu 2(1), il-punt (16a), tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 id-definizzjoni ta' "entità tal-pubblikazzjoni deżinjata", u daħħal f'dak ir-Regolament Artikolu 21a ġdid, li jippermetti lil ditta tal-investment, li tkun entità tal-pubblikazzjoni deżinjata, tkun responsabbli biex tagħmel tranżazzjoni pubblika permezz ta' arranġament ta' publikazzjoni approvat ("APA"). Dak l-istess Artikolu 21a ġdid jispeċifika wkoll liema parti ta' tranżazzjoni jenħtieġ li tkun responsabbli biex tagħmel tranżazzjoni pubblika meta waħda, l-ebda jew iż-żewġ partijiet involuti jkunu entitajiet tal-pubblikazzjoni deżinjati. Jirriżulta li r-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2017/583 li għandhom l-għan li jidentifikaw id-ditta ta' investiment responsabbli biex tagħmel tranżazzjoni pubblika permezz ta' APA jenħtieġ li jitħassru.
- (9) L-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 iippermetta lill-awtoritajiet kompetenti jawtorizzaw lill-operaturi tas-suq u lid-ditti ta' investiment li joperaw ċentru tan-negożjar biex jipprevedu publikazzjoni differita tad-dettalji tat-tranżazzjonijiet abbażi tad-daqs tat-tranżazzjoni jew tat-tip tat-tranżazzjoni. Skont l-Artikolu 11(4), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni nġhatat is-setgħa li tispeċifika l-kundizzjonijiet għal tali publikazzjoni differita, li l-Kummissjoni għamlet fl-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/583. Madankollu, ir-Regolament (UE) 2024/791 emenda l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 billi ppreveda rekwiżiti speċifiċi dwar il-publikazzjoni differita fir-rigward tal-bonds, il-prodotti finanzjarji strukturati, u l-kwoti tal-emissjonijiet, u introduċa Artikolu 11a ġdid f'dak ir-Regolament li fih rekwiżiti speċifiċi dwar il-publikazzjoni differita fir-rigward tad-derivattivi. Għalhekk jenħtieġ li jiġi introdott Artikolu 8a ġdid fir-Regolament Delegat (UE) 2017/583 biex jiġu ddeterminati d-dettalji eżatti tar-reġim dwar il-publikazzjoni differita fir-rigward tal-bonds, il-prodotti finanzjarji strukturati, u l-kwoti tal-emissjonijiet, inkluż id-determinazzjoni ta' liema daqsijiet ta' ħruġ jikkorrispondu għal suq likwidu jew illikwidu fi strument finanzjarju partikolari,

x'jikkostitwixxi tranżazzjoni ta' daqs medju, kbir u kbir ħafna, u d-durata tad-differimenti.

- (10) Sabiex jiġi żgurat li r-reġim ta' differiment għall-bonds ikun sempliċi u kkalibrat tajjeb, jeħtieġ li ssir distinzjoni bejn tliet kategoriji ta' bonds: (i) bonds sovrani u bonds pubbliċi oħra; (ii) bonds korporattivi, konvertibbli u oħrajn; u (iii) bonds koperti. Sabiex ikun hemm distinzjoni aħjar bejn bonds likwidi u illikwidi u għalhekk kalibrazzjoni aktar effiċjenti, il-bonds jenħtieġ li jiġu raggruppati aktar għal kull kategorija ta' bonds.
- (11) Skont id-definizzjoni ta' suq likwidu stabbilita fl-Artikolu 2, il-punt (17)(a)(i), tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, suq likwidu jenħtieġ li jiġi vvalutat skont id-daqs tal-ħruġ ta' bond. Sabiex jiġu indirizzati l-bidliet potenzjali fid-daqs tal-ħruġ ta' bond fuq tul ta' żmien, inkluż minħabba bond taps jew riakkwist, huwa meħtieġ li jiġi vvalutat suq likwidu fuq il-bażi tal-bilanċ pendenti tal-ħruġ tal-bonds (jiġifieri, il-valur totali tal-bonds li nħarġu u li jinżammu mill-investituri f'mument partikolari), aktar milli d-daqs inizjali tal-ħruġ tal-bond (jiġifieri, il-valur totali tal-bonds li jiġi offrut lill-investituri fis-suq primarju fiż-żmien tal-ħruġ).
- (12) Sabiex jiġi introdott reġim ta' trasparenza aktar sempliċi li ma jiddependix fuq valutazzjonijiet frekwenti tal-likwidità, jenħtieġ li jiġu emendati d-dispożizzjonijiet applikabbli għall-prodotti finanzjarji strutturati u għall-kwoti tal-emissjonijiet stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2017/583. Abbażi ta' analiżi tad-data mwettqa mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA, European Securities and Markets Authority), u abbażi tal-esperjenza tal-passat tal-ESMA fil-kalibrazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza, il-prodotti finanzjarji strutturati u l-kwoti tal-emissjonijiet li huma differenti mill-kwoti tal-emissjonijiet tal-Unjoni jenħtieġ li jitqiesu li ma għandhomx suq likwidu, filwaqt li l-kwoti tal-emissjonijiet tal-Unjoni jenħtieġ li jitqiesu li għandhom suq likwidu. Fir-rigward tal-prodotti finanzjarji strutturati, il-livelli limitu eżistenti tat-trasparenza ta' qabel in-negozjar u ta' wara n-negozjar u d-durata eżistenti tad-differiment tal-prezz għal prodotti finanzjarji strutturati illikwidi, kif stabbilit fir-Regolament Delegat (UE) 2017/583, jenħtieġ li jinżammu. Madankollu, meta titqies l-illikwidità tal-prodotti finanzjarji strutturati, u meta wieħed iqis li r-Regolament (UE) Nru 600/2014 ma għadux jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jipprovdu perjodu ta' differiment supplimentari għal dawk l-istrumenti, jenħtieġ li tiġi introdotta durata standard ta' differiment tal-volum sa ġimagħtejn wara d-data tat-tranżazzjoni. Fir-rigward tal-kwoti tal-emissjonijiet, il-livell limitu tat-trasparenza ta' qabel in-negozjar u ta' wara n-negozjar jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'tunnellati ta' CO₂ (tCO₂) aktar milli f'lottijiet, peress li tCO₂ hija l-unità komuni ta' kejl għal dawk l-istrumenti. Abbażi ta' analiżi tad-data mwettqa mill-ESMA, filwaqt li titqies in-natura likwida tal-kwoti tal-emissjonijiet tal-Unjoni, il-perjodu massimu ta' differiment għall-kwoti tal-emissjonijiet tal-Unjoni jenħtieġ li ma jkunx itwal minn 19:00 ħin lokali fit-tieni jum tax-xogħol wara d-data tat-tranżazzjoni.
- (13) Abbażi ta' analiżi tad-data mwettqa mill-ESMA, il-komoditajiet innegozjati fil-borża (ETCs, exchange traded commodities) kollha u n-noti nnegozjati fil-borża (ETNs, exchange traded notes) kollha jenħtieġ li jitqiesu li ma għandhomx suq likwidu. F'konformità mal-approċċ meħud għall-prodotti finanzjarji strutturati, jenħtieġ li tiġi introdotta durata standard tad-differiment tal-volum sa ġimagħtejn wara d-data tat-tranżazzjoni anki għall-ETCs u għall-ETNs.
- (14) Ir-Regolament (UE) 2024/791 introduċa emendi tal-possibbiltà li l-awtoritajiet kompetenti jissupplimentaw ir-reġim ta' differiment skont ir-Regolament (UE) Nru

600/2014. L-ewwel nett, tali possibbiltà kienet limitata għal strumenti ta' dejn sovrani. It-tieni, is-setgħa ta' awtorità kompetenti li testendi l-perjodu ta' pubblikazzjoni differita kienet limitata għat-tranżazzjonijiet eżegwiti fir-rigward tal-istrumenti ta' dejn sovrani maħruġa mill-Istat Membru ta' dik l-awtorità kompetenti. Fir-rigward ta' strumenti ta' dejn sovrani mhux maħruġa minn Stat Membru, is-setgħa li jiġi estiż il-perjodu ta' pubblikazzjoni differita ngħatat lill-ESMA. It-tielet, it-tul massimu tad-differimenti supplimentari kien limitat għal 6 xhur. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jistabbilixxu durata ta' differiment iqsar f'dak il-limitu. Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2017/583 jiġi emendat biex jirrifletti dawk il-bidliet.

- (15) Fir-rigward tal-pubblikazzjoni tad-dettalji ta' diversi tranżazzjonijiet f'forma aggregata, kif jissema fl-Artikolu 11(3), il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, jenħtieġ li l-metodoloġija ta' aggregazzjoni tibqa' l-istess. Għalhekk, jenħtieġ li t-tranżazzjonijiet li jibbenefikaw minn differiment estiż jiġu aggregati miċ-ċentri tan-negozjar u l-APAs rispettivi matul ġimgħa kalendarja waħda u jenħtieġ li jiġu ppubblikati t-Tlieta ta' wara, qabel id-9:00 ħin lokali.
- (16) Sabiex il-parteċipanti fis-suq jingħataw biżżejjed żmien biex iħejju għar-rekwiżiti l-ġodda, filwaqt li jiġi żgurat l-istabbiliment f'waqtu tat-tape konsolidat tal-bonds, id-data tal-applikazzjoni tal-emendi għar-Regolament Delegat (UE) 2017/583 stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li tiġi differita.
- (17) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2017/583 jiġi emendat kif xieraq.
- (18) Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni armonizzata tar-rekwiżiti ta' trasparenza ta' qabel in-negozjar fir-rigward tal-istrumenti ta' ekwità, u meta jitqiesu d-dettalji tad-data ta' qabel in-negozjar li ċ-ċentri tan-negozjar huma meħtieġa jipprovdu lill-fornitur ta' tape konsolidat tal-ekwità fil-qafas tal-Artikolu 22a tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, jenħtieġ li r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/587¹⁵ jiġi emendat biex jispeċifika d-dettalji tad-data ta' qabel in-negozjar li għandha ssir pubblika mill-operaturi tas-suq u mid-ditti ta' investiment li joperaw ċentru tan-negozjar għal kull klassi ta' strument finanzjarju, kif meħtieġ mill-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014.
- (19) Ordnijiet iceberg huma ordnijiet li għandhom volum (massimu) muri disponibbli għall-eżekuzzjoni f'relazzjoni ma' porzjon ta' kwantità u volum moħbi relatat mal-bqija tal-kwantità, miżmuma fil-faċilità ta' ġestjoni tal-ordnijiet eżegwibbli biss wara l-eżekuzzjoni tal-ordni divulgata. Sabiex jipprevedi l-possibbiltà ta' eżekuzzjoni tal-parti moħbija tal-ordnijiet iceberg f'ċirkostanzi definiti b'mod strett, jenħtieġ li l-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/587 dwar l-eżenzjoni mill-faċilità tal-ġestjoni tal-ordnijiet jiġi emendat.
- (20) Ir-Regolament (UE) 2024/791 introduċa fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 definizzjoni ta' "entità tal-pubblikazzjoni deżinjata", u daħħal f'dak ir-Regolament Artikolu 21a ġdid, li jippermetti lil ditta tal-investment, li tkun entità tal-pubblikazzjoni deżinjata, tkun responsabbli biex tagħmel tranżazzjoni pubblika

¹⁵ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/587 tal-14 ta' Lulju 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar rekwiżiti ta' trasparenza għall-ċentri tan-negozjar u ditti ta' investiment fir-rigward ta' ishma, irċevuti depożitarji, fondi nneozjati fil-boroż, ċertifikati u strumenti finanzjarji simili oħrajn u dwar obbligi ta' eżekuzzjoni tat-tranżazzjoni fir-rigward ta' ċertu ishma f'ċentru tan-negozjar jew minn internalizzaturi sistematiċi (ĠU L 87, 31.3.2017, p. 387, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2017/587/oj).

permezz ta' APA. Dak l-istess Artikolu 21a ġdid jispeċifika wkoll liema parti ta' tranżazzjoni jenħtieġ li tkun responsabbli biex tagħmel tranżazzjoni pubblika meta waħda, l-ebda jew iż-żewġ partijiet involuti jkunu entitajiet tal-pubblikazzjoni deżinjati. Jirriżulta li r-reqwiżiti stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2017/587 li għandhom l-għan li jidentifikaw id-ditta ta' investment responsabbli biex tagħmel tranżazzjoni pubblika permezz ta' APA jenħtieġ li jitħassru.

- (21) Sabiex tiġi żgurata kalibrazzjoni xierqa tal-livelli limitu għall-applikazzjoni tar-reqwiżiti ta' trasparenza tal-ekwità ta' qabel in-negozjar għall-internalizzaturi sistematiċi, il-metodoloġija biex jiġi ddeterminat id-daqs standard tas-suq ("SMS", standard market size) stabbilita fl-Artikolu 11 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/587 jenħtieġ li tiġi rfinata billi tiżdied il-granularità tal-buckets tad-daqs medju tat-tranżazzjoni. Il-livell limitu biex jiġi ddeterminat id-daqs minimu tal-kwotazzjoni għall-internalizzaturi sistematiċi jenħtieġ li jikkorrispondi għad-daqs standard tas-suq (SMS, standard market size). Filwaqt li jitqiesu l-aħjar Prattiki internazzjonali, il-kompetittività tad-ditti tal-Unjoni, is-sinifikat tal-impatt fuq is-suq u l-effiċjenza tal-formazzjoni tal-prezzijiet, il-livell limitu biex jiġi ddeterminat id-daqs sa fejn japplikaw l-obbligi ta' trasparenza tal-ekwità ta' qabel in-negozjar għall-internalizzaturi sistematiċi jenħtieġ li jikkorrispondi għad-doppju tad-daqs standard tas-suq.
- (22) Sabiex tiġi żgurata rappreżentazzjoni preċiża tal-attività tas-suq u tal-formazzjoni tal-prezzijiet fit-trasparenza tal-ekwità ta' wara n-negozjar, huwa meħtieġ li jiġi emendat l-Artikolu 13 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/587 biex jiġi ddeterminat u ċċarat l-ambitu tat-tranżazzjonijiet li ma jikkontribwixxux għall-identifikazzjoni tal-prezzijiet, inklużi tranżazzjonijiet "give-up" u "give-in". Dawk it-tranżazzjonijiet huma negozji tekniċi mwettqa primarjament għal skopijiet operazzjonali jew biex jiffaċilitaw il-ġestjoni tar-riskju bejn id-ditti ta' investment, u għalhekk ma jirrappreżentawx avvenimenti indipendenti tal-iffissar tal-prezzijiet. Għalhekk jenħtieġ li jiġu esklużi mir-reqwiżiti ta' trasparenza ta' wara n-negozjar.
- (23) L-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2017/587 jistabilixxi t-tipi ta' sistemi ta' negozjar u, għal kull sistema, deskrizzjoni tal-karatteristiċi ewlenin tagħha u l-informazzjoni li għandha ssir pubblika f'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014. Jenħtieġ li dak l-Anness jiġi modifikat biex jispeċifika li s-sistemi ta' negozjar operati permezz ta' reġistru tal-ordnijiet li jinkludi biss kwotazzjonijiet ta' ġeneraturi tas-suq u algoritmu tan-negozjar imħaddem mingħajr intervent uman li jqabbel l-ordnijiet ta' xiri u bejgħ li jidħlu ma' kwotazzjonijiet ta' ġeneraturi tas-suq b'limitu abbażi tal-aħjar prezz disponibbli fuq bażi kontinwa jenħtieġ li jitqiesu bħala sistemi ta' negozjar kontinwu permezz ta' reġistru tal-ordnijiet. Is-sistemi ta' negozjar operati permezz ta' reġistru tal-ordnijiet fejn il-kwotazzjonijiet tal-fornituri tal-likwidità jiġu kkonfermati qabel l-eżekuzzjoni potenzjali ta' ordni li tidħol u algoritmu tan-negozjar li jqabbel ordnijiet ta' xiri u bejgħ li jidħlu mal-kwotazzjonijiet ikkonfermati tal-fornituri tal-likwidità mingħajr intervent uman abbażi tal-aħjar prezz disponibbli fuq bażi kontinwa jenħtieġ li jitqiesu wkoll bħala sistemi ta' negozjar kontinwu permezz ta' reġistru tal-ordnijiet.
- (24) Sabiex il-parteċipanti fis-suq u l-awtoritajiet kompetenti jingħataw biżżejjed żmien biex iħejju għar-reqwiżiti l-ġodda, filwaqt li jiġi żgurat l-istabbiliment f'waqtu tat-tape konsolidat tal-ekwità, jenħtieġ li tiġi differita d-data tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet f'dan ir-Regolament relatati mad-dettalji tat-trasparenza ta' qabel u ta' wara n-negozjar li għandhom isiru pubbliċi fir-rigward tal-istrumenti ta' ekwità, mad-determinazzjoni tal-aktar suq rilevanti f'termini ta' likwidità għal strumenti ta'

ekwità, ma' ordnijiet fir-rigward ta' strumenti ta' ekwità li huma ta' skala kbira, u mal-metodoloġija tal-kalkoli tat-trasparenza għall-istrumenti ta' ekwità.

- (25) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2017/587 jiġi emendat kif xieraq.
- (26) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji ppreżentat lill-Kummissjoni mill-ESMA. L-ESMA wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li fuqu huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit mill-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁶. L-ESMA qieset ukoll il-parir tal-grupp ta' esperti tal-partijiet ikkonċernati dwar il-kwalità tad-data tas-suq ta' ekwità u mhux ta' ekwità u l-protokolli tat-trażmissjoni f'konformità mal-Artikolu 22b(3), il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 600/2014.
- (27) Sabiex jiġi żgurat reġim ta' trasparenza effettiv u l-istabiliment b'suċċess tat-tapes konsolidati għall-bonds u l-ekwità, u meta jitqies li d-dispożizzjonijiet kollha f'dan ir-Regolament jikkonċernaw it-trasparenza ta' qabel in-negozjar u ta' wara n-negozjar, huwa meħtieġ li jiġu inklużi l-emendi għar-Regolamenti Delegati (UE) 2017/583 u (UE) 2017/587 li għandhom jiġu adottati skont l-Artikolu 4(6), l-Artikolu 7(2), l-Artikolu 9(5), l-Artikolu 11(4), l-Artikolu 14(7), l-Artikolu 20(3), l-Artikolu 21(5), l-Artikolu 22(3) u l-Artikolu 23(3), rispettivament, tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 f'Regolament wieħed,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament Delegat (UE) 2017/583

Ir-Regolament Delegat (UE) 2017/583 huwa emendat kif ġej:

- (1) l-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 1 **Definizzjonijiet**

(L-Artikolu 9(5), il-punt (f), tar-Regolament (UE) Nru 600/2014)

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) 'sistema ta' negozjar permezz ta' reġistru ċentrali tal-ordnijiet b'limitu' tfisser kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:
- (a) sistema ta' negozjar kontinwu permezz ta' reġistru tal-ordnijiet li permezz ta' reġistru tal-ordnijiet u algoritmu tan-negozjar imħaddma mingħajr intervent uman tqabbel l-ordnijiet ta' bejgħ mal-ordnijiet ta' xiri abbażi tal-aħjar prezz disponibbli fuq bażi kontinwa;
- (b) sistema ta' negozjar li tikkombina elementi ta' sistema ta' negozjar kontinwu permezz ta' reġistru tal-ordnijiet, kif imsemmi fil-punt

¹⁶ Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84. ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1095/oj>).

(a), u ta' sistema ta' negozjar bi rkant perjodiku, kif definit fil-punt (2).

(2) 'sistema ta' negozjar bi rkant perjodiku' tfisser sistema ta' negozjar li tqabbel ordnijiet abbażi ta' rkant perjodiku u algoritmu ta' negozjar operat mingħajr intervent uman.”;

(2) jiddaħħal l-Artikolu 1a li ġej:

“Artikolu 1a

Kamp ta' applikazzjoni tal-Artikoli 3, 6, 8, 9, 10, 11 u 13

1. L-Artikoli 3, 6, 9, 10, 11 u 13 għandhom japplikaw biss fir-rigward tad-derivattivi. L-Artikolu 8 għandu japplika biss għad-derivattivi u t-tranżazzjonijiet f'pakkett.

2. Ir-referenzi għall-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 fl-Artikoli 8 u 11 ta' dan ir-Regolament għandhom jinftiehm bħala referenzi għall-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 kif applikabbli qabel it-28 ta' Marzu 2024.”;

(3) jiddaħħal l-Artikolu 3a li ġej:

“Artikolu 3a

Ordnijiet li huma kbar fl-iskala għal bonds, prodotti finanzjarji strutturati u kwoti tal-emissjonijiet

(L-Artikolu 9(1), il-punt (a) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014)

Ordni f'bonds, prodotti finanzjarji strutturati jew kwoti tal-emissjonijiet għandu jkun kbir fl-iskala meta mqabbla mad-daqs normali tas-suq fejn, fil-punt meta jiddaħħal l-ordni jew wara kwalunkwe emenda fl-ordni, dak l-ordni jkun daqs jew akbar mil-livelli limitu li ġejjin:

(a) għat-tipi ta' bonds kollha, ħliet il-Komoditajiet Innegozjati fil-Borża ('ETCs') u n-Noti ta' Negozju fil-Borża ('ETNs'), il-limiti stabbiliti fit-Tabella 2.3 tal-Anness III;

(b) għall-ETCs u l-ETNs, il-livelli limitu stabbiliti fit-Tabella 2.5 tal-Anness III;

(c) għall-prodotti finanzjarji strutturati, il-livelli limitu stabbiliti fit-Tabella 3.2 tal-Anness III;

(d) għall-kwoti tal-emissjonijiet, il-livelli limitu stabbiliti fit-Tabella 12.2 tal-Anness III.”;

(4) l-Artikolu 5 jitħassar;

(5) jiddaħħal l-Artikolu 6a li ġej:

“Artikolu 6a

Klassijiet ta' bonds, prodotti finanzjarji strutturati u kwoti tal-emissjonijiet li għalihom ma hemmx suq likwidu

(L-Artikolu 9(1), il-punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 600/2014)

Sabiex jiġi ddeterminat jekk bond, prodott finanzjarju strutturat jew kwota tal-emissjonijiet għandhomx jitqiesu li ma għandhomx suq likwidu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw id-determinazzjoni statika tal-likwidità li ġejja:

- (a) għat-tipi ta' bonds kollha, ħliet l-ETCs u l-ETNs, id-determinazzjoni stabbilita fit-Tabella 2.2 tal-Anness III;
 - (b) għall-ETCs u l-ETNs, id-determinazzjoni stabbilita fit-Tabella 2.4 tal-Anness III;
 - (c) għall-prodotti finanzjarji strutturati, id-determinazzjoni stabbilita fit-Tabella 3.1 tal-Anness III;
 - (d) għall-kwoti tal-emissjonijiet, id-determinazzjoni stabbilita fit-Tabella 12.1 tal-Anness III.”;
- (6) l-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:
- (a) fil-paragrafu 1, jiżdied is-subparagrafu li ġej:
“L-ismijiet tal-kamp stabbiliti fit-Tabella 2 tal-Anness II għandhom isiru pubbliċi bl-użu tal-istess konvenzjonijiet tal-isem kif stabbilit fl-identifikatur tal-kamp ta’ dik it-tabella.”;
 - (b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b’dan li ġej:
“4. L-informazzjoni ta’ wara n-negozjar għandha ssir disponibbli kemm jista’ jkun qrib tal-ħin reali kemm teknikament possibbli u fi kwalunkwe każ fi żmien 5 minuti wara l-eżekuzzjoni tat-tranżazzjoni rilevanti.”;
 - (c) il-paragrafi 5 u 6 jitħassru;
 - (d) il-paragrafu 8 huwa sostitwit b’dan li ġej:
“8. L-informazzjoni relatata ma’ tranżazzjoni f’pakkett għandha tinkludi l-marka ta’ tranżazzjoni f’pakkett jew il-marka ta’ tranżazzjoni tal-iskambju ma’ assi fiżiċi kif speċifikat fit-Tabella 3 tal-Anness II. Meta t-tranżazzjoni f’pakkett tkun eliġibbli għal pubblikazzjoni differita skont l-Artikolu 8, l-informazzjoni dwar il-komponenti kollha għandha ssir disponibbli wara li jkun skada l-perjodu ta’ differiment għat-tranżazzjoni.”;
- (7) jiddaħħal l-Artikolu 8a li ġej:

“Artikolu 8a

Pubblikazzjoni differita ta’ tranżazzjonijiet għal bonds, prodotti finanzjarji strutturati u kwoti tal-emissjonijiet

(L-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014)

1. L-operaturi tas-suq u d-ditti ta’ investiment li joperaw ċentru tan-negozjar u d-ditti ta’ investiment li jinnegozjaw barra minn ċentru tan-negozjar jistgħu jiddifferixxu l-pubblikazzjoni tad-dettalji tat-tranżazzjonijiet fir-rigward tal-bonds, ħliet l-ETCs u l-ETNs, f’konformità ma’ dan li ġej:

- (a) differiment tal-prezz u differiment tal-volum li ma jaqbiżx il-15 minuta, għal tranżazzjonijiet fil-kategorija 1 kif imsemmi fit-Tabella 2.6 tal-Anness III;
- (b) differiment tal-prezz u differiment tal-volum li ma jaqbiżx tmiem il-jum ta’ negozjar, għal tranżazzjonijiet fil-kategorija 2 kif imsemmi fit-Tabella 2.6 tal-Anness III;
- (c) differiment tal-prezz li ma jaqbiżx tmiem l-ewwel jum ta’ negozjar wara d-data tat-tranżazzjoni u differiment tal-volum li ma jaqbiżx ġimgħa wara

d-data tat-tranżazzjoni, għal tranżazzjonijiet fil-kategorija 3 kif imsemmi fit-Tabella 2.6 tal-Anness III;

- (d) differiment tal-prezz li ma jaqbiżx tmiem it-tieni jum ta' negozjar wara d-data tat-tranżazzjoni u differiment tal-volum li ma jaqbiżx ġimagħtejn wara d-data tat-tranżazzjoni, għal tranżazzjonijiet fil-kategorija 4 kif imsemmi fit-Tabella 2.6 tal-Anness III;
- (e) differiment tal-prezz u differiment tal-volum li ma jaqbiżx l-4 ġimgħat wara d-data tat-tranżazzjoni, għal tranżazzjonijiet fil-kategorija 5 kif imsemmi fit-Tabella 2.6 tal-Anness III.

2. L-operaturi tas-suq u d-ditti ta' investiment li joperaw ċentru tan-negozjar u d-ditti ta' investiment li jinnegozjaw barra minn ċentru tan-negozjar jistgħu jiddifferixxu l-pubblikazzjoni tad-dettalji tat-tranżazzjonijiet fir-rigward tal-ETCs, l-ETNs u l-prodotti finanzjarji strutturati f'konformità ma' dan li ġej:

- (a) differiment tal-prezz li ma jaqbiżx it-tmiem tat-tieni jum ta' negozjar wara d-data tat-tranżazzjoni, għal tranżazzjonijiet ta' kwalunkwe daqs; u
- (b) differiment tal-volum li ma jaqbiżx ġimagħtejn wara d-data tat-tranżazzjoni, għal tranżazzjonijiet ta' kwalunkwe daqs.

3. L-operaturi tas-suq u d-ditti ta' investiment li joperaw ċentru tan-negozjar u d-ditti ta' investiment li jinnegozjaw barra minn ċentru tan-negozjar għandhom jipubblikaw kull tranżazzjoni li tikkonċerna kwoti tal-emissjonijiet mhux aktar tard mis-19:00 ħin lokali fit-tieni jum tax-xogħol wara d-data tat-tranżazzjoni, dment li t-tranżazzjoni tkun ogħla mid-daqs ta' wara n-negozjar għall-kwoti tal-emissjonijiet kif imsemmi fit-Tabella 12.2 tal-Anness III.”;

(8) l-Artikolu 11 huwa emendat kif ġej:

- (a) fil-paragrafu 1, jitħassar il-punt (d);
- (b) fil-paragrafu 2, jitħassru l-punti (b) u (c);
- (c) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4. Id-data aggregata ta' kuljum jew ta' kull ġimgħa msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja dwar id-derivattivi fir-rigward ta' kull jum jew ġimgħa tal-perjodu kalendarju kkonċernat:

- (a) il-prezz medju ponderat;
- (b) il-volum totali nnegozjat kif imsemmi fit-Tabella 4 tal-Anness II;
- (c) in-numru totali ta' tranżazzjonijiet.”;
- (d) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“6. Meta l-jum tal-ġimgħa għall-pubblikazzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1, il-punt (c), u l-paragrafi 2 u 3, ma jkunx jum tax-xogħol, il-pubblikazzjonijiet għandhom isiru fil-jum tax-xogħol ta' wara, qabel id-9:00 ħin lokali.”;

(9) jiddaħħal l-Artikolu 11a li ġej:

“Artikolu 11a

Rekwiżiti ta' trasparenza għal strumenti ta' dejn sovrani flimkien mal-pubblikazzjoni differita skont id-diskrezzjoni tal-awtoritajiet kompetenti

(L-Artikolu 11(3) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014)

1. Il-pubblikazzjoni tad-dettalji ta' diversi tranżazzjonijiet f'forma aggregata kif imsemmi fl-Artikolu 11(3), il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 għandha tkopri tranżazzjonijiet li jkunu ġew eżegwiti matul ġimgħa kalendarja waħda u għandha ssir nhar it-Tlieta ta' wara, qabel id-9:00 ħin lokali.

2. Id-data aggregata ta' kull ġimgħa msemija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja fir-rigward ta' kull ġimgħa tal-perjodu kalendarju kkonċernat:

- (a) il-prezz medju ponderat;
- (b) il-volum totali nnegozjat kif imsemmi fit-Tabella 4 tal-Anness II;
- (c) in-numru totali ta' tranżazzjonijiet.

3. It-tranżazzjonijiet għandhom jiġu aggregati skont il-kodiċi ISIN.

4. Meta l-jum tal-ġimgħa għall-pubblikazzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ma jkunx jum tax-xogħol, il-pubblikazzjonijiet għandhom isiru fil-jum tax-xogħol ta' wara, qabel id-9:00 ħin lokali.”;

(10) l-Artikolu 13 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) fil-punt (a), il-punt (iv) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(iv) il-klassijiet ta' subassi ta' derivattivi ta' rati tal-imgħax oħrajn, derivattivi oħrajn ta' komoditajiet, derivattivi ta' kreditu oħrajn, derivattivi C10 oħrajn, kuntratti għad-differenza (CFDs, contracts for difference) oħrajn, u derivattivi oħrajn ta' kwoti tal-emissjonijiet kif imsemmi fit-Tabelli 5.1, 7.1, 9.1, 10.1, 11.1 u 13.1 tal-Anness III.”;

(ii) fil-punt (b), il-punti (i), (ii) u (ix) jitħassru;

(iii) il-punt (d) jitħassar;

(b) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) il-kliem introdutturji huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Biex jiġu ddeterminati l-ordnijiet li huma kbar fl-iskala meta mqabbla mad-daqs normali tas-suq kif imsemmi fl-Artikolu 3, għandhom jiġu applikati l-metodoloġiji li ġejjin.”;

(ii) il-punt (a) huwa emendat kif ġej:

(1) il-punt (i) jitħassar;

(2) il-punt (vi) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(vi) kull klassi ta' subassi kkunsidrata li ma għandhiex suq likwidu għall-klassijiet tal-assi tad-derivattivi tal-kwoti tal-emissjonijiet kif imsemmi fit-Tabella 13.3 tal-Anness III.”;

(3) il-punti (vii) u (viii) jitħassru;

(iii) il-punt (b) huwa emendat kif ġej:

(1) il-kliem introdutturji huwa sostitwit b'dan li ġej:

“l-akbar wieħed mid-daqsijiet tan-negozjar li taħtu jinsab il-perċentwal tat-tranżazzjonijiet li jikkorrispondi għall-perċentil tan-negozjar u l-aktar livell limitu baxx għal.”;

- (2) il-punt (i) jitħassar;
- (3) il-punt (iii) huwa sostitwit b'dan li ġej:
 - “(iii) kull klassi ta' subassi li jkollha suq likwidu għall-klassijiet tal-assi tad-derivattivi tal-kwoti tal-emissjonijiet kif imsemmi fit-Tabella 13.2 tal-Anness III.”;
- (4) il-punt (iv) jitħassar;
- (c) il-paragrafu 3 huwa emendat kif ġej:
 - (i) il-punt (a) huwa emendat kif ġej:
 - (1) il-punt (i) jitħassar;
 - (2) il-punt (vi) huwa sostitwit b'dan li ġej:
 - “(vi) kull klassi ta' subassi kkunsidrata li ma għandhiex suq likwidu għall-klassi tal-assi tad-derivattivi tal-kwoti tal-emissjonijiet kif imsemmi fit-Tabella 13.3 tal-Anness III.”;
 - (3) il-punti (vii) u (viii) jitħassru;
 - (ii) il-punt (b) jitħassar;
 - (iii) il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:
 - “(d) l-akbar wieħed mid-daqsijiet tan-negożjar li taħtu jinsab il-perċentwal tat-tranżazzjonijiet li jikkorrispondi għall-perċentil tan-negożjar u l-aktar livell limitu baxx għal kull klassi ta' subassi kkunsidrata li għandha suq likwidu għad-derivattivi tal-kwoti tal-emissjonijiet kif previst fit-Tabella 13.2 tal-Anness III.”;
- (d) fil-paragrafu 5, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:
 - “(b) id-daqsijiet kbar fl-iskala meta mqabbla mad-daqs normali tas-suq u d-daqs speċifiku għall-istrument kif stabbilit fil-paragrafu 3.”;
- (e) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:
 - “7. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (b), il-paragrafu 2, il-punt (b), u l-paragrafu 3, il-punti (c) u (d), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw it-tranżazzjonijiet eżegwiti fl-Unjoni bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru tas-sena preċedenti.”;
- (f) il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:
 - “8. Id-daqs tan-negożjar għall-fini tal-paragrafu 2, il-punt (b), u l-paragrafu 3, il-punti (c) u (d), għandu jiġi ddeterminat abbażi tal-kejl tal-volum kif speċifikat fit-Tabella 4 tal-Anness II. Meta d-daqs tan-negożjar speċifikat għall-finijiet tal-paragrafi 2 u 3 jiġi espress f'valur monetarju u l-istrument finanzjarju ma jkunx iddenominat f'euro, id-daqs tan-negożjar għandu jiġi kkonvertit għall-munita li fiha jiġi ddenominat dak l-istrument finanzjarju billi tiġi applikata r-rata tal-kambju ta' referenza tal-euro tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-31 ta' Diċembru tas-sena preċedenti.”;
- (g) il-paragrafu 10 jitħassar;
- (h) il-paragrafu 11 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“11. Għad-determinazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2 u 3, kull meta n-numru ta’ tranżazzjonijiet ikkunsidrati għall-kalkoli jkun iżgħar minn 1 000, il-paragrafu 2, il-punt (b), u l-paragrafu 3, il-punti (c) u (d), ma għandhomx japplikaw. F’dawk il-każijiet, minflok għandhom japplikaw il-valuri ta’ livell limitu speċifikati fil-paragrafu 2, il-punt (a), u fil-paragrafu 3, il-punt (a).”;

(i) fil-paragrafu 12, il-kliem introdutturji huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Ħlief meta jirreferu għal derivattivi ta’ kwoti tal-emissjonijiet, il-kalkoli msemmija fil-paragrafu 2, il-punt (b), u l-paragrafu 3, il-punt (c), għandhom jiġu ttondjati ’l fuq sal-eqreb.”;

(j) il-paragrafi 14 u 15 jiġu sostitwiti b’dawn li ġejjin:

“14. Għal derivattivi ta’ ekwità li huma ammessi għan-negożjar jew li jiġu nnegożjati l-ewwel darba f’ċentru tan-negożjar, li ma jagħmlux parti minn subklassi għal liema d-daqs speċifiku għall-istrument finanzjarju msemmi fl-Artikolu 8(1)(c) u d-daqs tal-ordnijiet u t-tranżazzjonijiet kbar fl-iskala meta mqabbla mad-daqs normali tas-suq imsemmi fl-Artikolu 3 u l-Artikolu 8(1)(a) ġew ippubblikati u li jagħmlu parti minn waħda mill-klassijiet ta’ subassi speċifikati fil-paragrafu 1(a)(ii), id-daqs speċifiku għall-istrument finanzjarju u d-daqs tal-ordnijiet u t-tranżazzjonijiet kbar fl-iskala meta mqabbla mad-daqs normali tas-suq għandhom ikunu daww applikabbli għall-iżgħar faxxa tal-ammont nozzjonali ta’ kuljum medju (ADNA, average daily notional amount) tal-klassi ta’ subassi li jagħmel parti minnhom id-derivattiv ta’ ekwità.

15. L-istrumenti finanzjarji ammessi għan-negożjar jew innegożjati għall-ewwel darba f’ċentru tan-negożjar li ma jappartjenu għal ebda subklassi li għaliha jkunu ġew ippubblikati d-daqs speċifiku għall-istrument finanzjarju msemmi fl-Artikolu 8(1), il-punt (c), u d-daqs tal-ordnijiet u tat-tranżazzjonijiet kbar fl-iskala meta mqabbel mad-daqs normali tas-suq imsemmi fl-Artikolu 3 u fl-Artikolu 8(1), il-punt (a), għandhom jitqiesu li ma għandhomx suq likwidu sa ma jiġu applikati r-riżultati tal-kalkoli mwettqa f’konformità mal-paragrafu 17. Id-daqs applikabbli speċifiku għall-istrument finanzjarju msemmi fl-Artikolu 8(1), il-punt (c), u d-daqs tal-ordnijiet u tat-tranżazzjonijiet kbar fl-iskala meta mqabbla mad-daqs normali tas-suq imsemmi fl-Artikolu 3 u fl-Artikolu 8(1), il-punt (a), għandhom ikunu daww tas-subklassijiet iddeterminati li ma jkollhomx suq likwidu li jappartjeni għall-istess klassi ta’ subassi.”;

(k) il-paragrafi 18, 19 u 20 jiġihassru;

(11) l-Artikolu 16 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Artikolu 16

Sospensjoni temporanja tal-obbligi ta’ trasparenza

(L-Artikolu 9(4) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014)

1. Għal strumenti finanzjarji li għalihom hemm suq likwidu, kif iddeterminat abbażi tal-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 6a għall-bonds, il-prodotti finanzjarji strutturati u l-kwoti tal-emissjonijiet, u fl-Artikolu 13 għad-derivattivi, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jissospendu temporanjament l-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 8, 8a u 10 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 fejn, għal klassi tal-bonds, prodotti finanzjarji strutturati, kwoti tal-emissjonijiet jew derivattivi, il-volum totali kif imsemmi fit-Tabella 4 tal-Anness II ikkalkulat għat-30 jum kalendarju preċedenti jirrappreżenta inqas minn 40 % tal-volum

medju ta' kull xahar ikkalkulat għat-12-il xahar kalendarju sħiħ li jippreċedu dawk it-30 jum kalendarju.

2. Għal strumenti finanzjarji li għalihom ma hemmx suq likwidu, kif iddeterminat abbażi tal-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 6a għall-bonds, il-prodotti finanzjarji strutturati u l-kwoti tal-emissjonijiet, u fl-Artikolu 13 għad-derivattivi, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jissospendu temporanjament l-obbligi msemmija fl-Artikoli 8, 8a u 10 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 fejn, għal klassi tal-bonds, prodotti finanzjarji strukturati, kwoti tal-emissjonijiet jew derivattivi, il-volum totali kif imsemmi fit-Tabella 4 tal-Anness II ikkalkulat għat-30 jum kalendarju preċedenti jirrappreżenta inqas minn 20 % tal-volum medju ta' kull xahar ikkalkulat għat-12-il xahar kalendarju sħiħ li jippreċedu dawk it-30 jum kalendarju.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu t-tranżazzjonijiet imwettqa fiċ-ċentri tan-negozjar kollha fl-Unjoni għall-klassi tal-bonds, il-prodotti finanzjarji strukturati, il-kwoti ta' emissjonijiet jew id-derivattivi kkonċernati meta jwettqu l-kalkoli msemmija fil-paragrafi 1 u 2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu dawk il-kalkoli fil-livell tal-klassi tal-istrumenti finanzjarji li għalihom jiġi applikat it-test tal-likwidità stabbilit fl-Artikolu 6a għall-bonds, il-prodotti finanzjarji strukturati u l-kwoti tal-emissjonijiet, u l-Artikolu 13 għad-derivattivi.

4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom, qabel ma jissospendu l-obbligi ta' trasparenza, jivverifikaw li t-tnaqqis sinifikanti fil-likwidità fiċ-ċentri kollha ma jkunx ir-riżultat ta' effetti staġunali tal-klassi rilevanti ta' strumenti finanzjarji fuq il-likwidità.”;

- (12) l-Artikoli 17 u 18 jitħassru;
- (13) l-Anness I huwa sostitwit bl-Anness I ta' dan ir-Regolament;
- (14) l-Anness II huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament;
- (15) l-Anness III huwa emendat f'konformità mal-Anness III ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Emendi għar-Regolament Delegat (UE) 2017/587

Ir-Regolament Delegat (UE) 2017/587 huwa emendat kif ġej:

- (1) l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:
 - (a) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(a) it-tranżazzjoni hija eżegwita b'referenza għal prezz li jiġi kkalkolat fuq diversi istanzi ta' żmien abbażi ta' parametru referenzjarju partikolari, inklużi tranżazzjonijiet eżegwiti b'referenza għal prezz medju ponderat skont il-volum jew prezz medju ponderat skont il-ħin, fejn l-istanzi ta' żmien għall-kalkolu tal-prezz ikopru perjodu twil biżżejjed biex jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda relazzjoni mal-prezz attwali tas-suq.”;
 - (b) il-punt (j) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(j) it-tranżazzjoni mhijiex tranżazzjoni għall-finijiet tal-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, kif iddeterminat abbażi tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/590**, jew hija tip ta' tranżazzjoni elenkat fl-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament.”

** Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/590 tat-28 ta' Lulju 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għar-rapportar ta' tranżazzjonijiet lill-awtoritajiet kompetenti (ĠU L 87, 31.3.2017, p. 449, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2017/590/oj).”;

- (2) fl-Artikolu 3(1), jiżdied is-subparagrafu li ġej:
- “Id-dettalji tad-data ta’ qabel in-negozjar li għandha ssir pubblika għandhom ikunu dawk speċifikati fit-Tabella 1b tal-Anness I.”;
- (3) l-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:
- (a) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b’dan li ġej:
- “4. Sakemm l-aktar suq rilevanti f’termini ta’ likwidità għal strument finanzjarju speċifiku jiġi ddeterminat f’konformità mal-proċedura speċifikata fil-paragrafi 1 sa 3, l-aktar suq rilevanti f’termini ta’ likwidità għandu jkun wieħed minn dawn li ġejjin:
- (a) is-suq regolat fejn dak l-istrument finanzjarju jkun ammess għall-ewwel darba għan-negozjar jew innegozjat għall-ewwel darba;
- (b) il-faċilità multilaterali tan-negozjar fejn dak l-istrument finanzjarju jiġi ammess għall-ewwel darba għan-negozjar jew jiġi nnegozjat għall-ewwel darba, meta l-istrument finanzjarju ma jkunx disponibbli għan-negozjar f’suq regolat fl-Unjoni.”;
- (b) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b’dan li ġej:
- “5. Il-paragrafi 2 u 3 ma għandhomx japplikaw għall-ishma, ir-riċevuti depożitarji, l-ETFs, iċ-ċertifikati u strumenti finanzjarji simili oħra li ġew ammessi għan-negozjar għall-ewwel darba jew innegozjati għall-ewwel darba f’ċentru tan-negozjar bejn l-1 u l-31 ta’ Diċembru tas-sena kalendarja preċedenti.”;
- (c) jiżdied il-paragrafu 6 li ġej:
- “6. Id-determinazzjoni tal-aktar suq rilevanti f’termini ta’ likwidità stabbilita fil-paragrafu 4 għandha tapplika mill-jum li fih l-istrument finanzjarju jkun ġie ammess għall-ewwel darba għan-negozjar jew ikun ġie nnegozjat għall-ewwel darba.”;
- (4) fl-Artikolu 6, l-ewwel subparagrafu huwa emendat kif ġej:
- (a) il-punt (a) huwa sostitwit b’dan li ġej:
- “(a) it-tranżazzjoni hija eżegwita b’referenza għal prezz li jiġi kkalkolat fuq diversi istanzi ta’ ħin abbażi ta’ parametru referenzjarju partikolari, inklużi tranżazzjonijiet eżegwiti b’referenza għal prezz medju ponderat skont il-volum jew prezz medju ponderat skont il-ħin, fejn l-istanzi ta’ ħin għall-kalkolu tal-prezz ikopru perjodu twil biżżejjed biex jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda relazzjoni mal-prezz attwali tas-suq.”;
- (b) il-punt (j) huwa sostitwit b’dan li ġej:
- “(j) kwalunkwe tranżazzjoni oħra ekwivalenti għal waħda minn dawk imsemmija fil-punti (a) sa (c) fis-sens li hija kontinġenti fuq karatteristiċi tekniċi li mhumiex relatati mal-valwazzjoni tas-suq attwali tal-istrument finanzjarju nnegozjat.”;

- (c) il-punt (k) huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “(k) it-tranżazzjoni mhijiex tranżazzjoni għall-finijiet tal-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, kif iddeterminat abbażi tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2017/590, jew it-tranżazzjoni hija tip ta' tranżazzjoni elenkat fl-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament.”;
- (5) l-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:
- (a) fil-paragrafu 4, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “Il-paragrafi 3 u 4 ma għandhomx japplikaw għall-ishma, ir-riċevuti depożitarji, iċ-ċertifikati u strumenti finanzjarji simili oħra li ġew ammessi għan-negozjar għall-ewwel darba jew innegozjati għall-ewwel darba f'ċentru tan-negozjar bejn l-1 u l-31 ta' Diċembru tas-sena kalendarja preċedenti.”;
- (b) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “6. Qabel ma sehem, riċevuta depożitarja, ċertifikat, jew strument finanzjarju simili ieħor jiġi nnegozjat għall-ewwel darba f'ċentru tan-negozjar fl-Unjoni, l-awtorità kompetenti għandha tagħmel stima tal-fatturat medju ta' kuljum għal dak l-istrument finanzjarju filwaqt li tikkunsidra:
- (a) kwalunkwe storja ta' negozjar preċedenti ta' dak l-istrument finanzjarju;
- (b) strumenti finanzjarji preċedenti jew simili oħra tal-istess emittent;
- (c) strumenti finanzjarji oħra li jitqiesu li jkollhom karatteristiċi simili.
- L-awtorità kompetenti għandha tippubblika dak il-fatturat ta' kuljum medju stmat.”;

“1. Id-daqs tas-suq standard għall-ishma, ir-riċevuti depożitarji, l-ETFs, iċ-ċertifikati, u strumenti finanzjarji simili oħra li għalihom hemm suq likwidu għandu jiġi ddeterminat abbażi tal-valur medju tat-tranżazzjonijiet għal kull strument finanzjarju kkalkulat f’konformità mal-paragrafi 2 u 3 u f’konformità mat-Tabella 3 u t-Tabella 3a tal-Anness II.”;

(9) jiddaħħlu l-Artikoli 11a u 11b li ġejjin:

“Artikolu 11a

Daqs tal-kwotazzjoni li taħtu japplikaw ir-rekwiżiti tat-trasparenza ta’ qabel in-negozjar skont l-Artikoli 14, 15, 16 u 17 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014

(L-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014)

L-obbligu li jsiru pubbliċi kwotazzjonijiet sodi fir-rigward tal-ishma, ir-riċevuti depożitarji, l-ETFs, iċ-ċertifikati, u strumenti finanzjarji simili oħra għandu japplika għall-internalizzaturi sistematiċi meta jinneogzjaw f’daqsjiet sad-doppju tad-daqs standard tas-suq kif determinat f’konformità mal-Artikolu 11.

Artikolu 11b

Daqs minimu tal-kwotazzjoni

(L-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014)

Id-daqs minimu tal-kwotazzjoni għal sehem, riċevuta depożitarja, ETF, ċertifikat, jew strument finanzjarju simili ieħor partikolari nneogzjat fiċ-ċentru tan-negozjar għandu jkun ugwali għad-daqs standard tas-suq kif iddeterminat f’konformità mal-Artikolu 11.”;

(10) l-Artikolu 12 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“1. L-operaturi tas-suq u d-ditti tal-investment li joperaw ċentru tan-negozjar, u d-ditti tal-investment li jinneogzjaw barra ċentru tan-negozjar, għandhom jagħmlu d-dettalji ta’ kull tranżazzjoni pubbliċi billi japplikaw it-Tabelli ta’ referenza 2, 3 u 4 tal-Anness I.

L-ismijiet tal-kamp fit-Tabella 3 tal-Anness I għandhom isiru pubbliċi bl-użu tal-istess konvenzjonijiet tal-isem kif speċifikat fl-identifikatur tal-kamp ta’ dik it-Tabella.”;

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“2. Meta jiġi kkanċellat rapport tan-negozjar ippubblikat qabel, l-operaturi tas-suq u d-ditti tal-investment li joperaw ċentru tan-negozjar, u d-ditti tal-investment li jinneogzjaw barra minn ċentru tan-negozjar, għandhom jippubblikaw rapport tan-negozjar ġdid li jkun fih id-dettalji kollha tar-rapport tan-negozjar oriġinali u l-markatura tal-kanċellazzjoni speċifikata fit-Tabella 4 tal-Anness I.”;

(c) il-paragrafi 5 u 6 jitħassru;

(11) fl-Artikolu 13, jiżdied il-punt (b) li ġej:

“(b) tranżazzjonijiet give-up jew tranżazzjonijiet give-in, li huma kwalunkwe waħda mit-tranżazzjonijiet li ġejjin:

- (i) tranżazzjoni fejn ditta tal-investment tgħaddi tranżazzjoni ta' klijent lil ditta tal-investment oħra għall-ipproċessar ta' wara n-negożjar jew tirċievi tranżazzjoni ta' klijent mingħandha;
 - (ii) tranżazzjoni fejn ditta tal-investment li teżegwixxi tranżazzjoni tgħaddiha lil ditta tal-investment oħra jew tirċeviha mingħandha għall-fini tal-iħħeġġjar tal-pożizzjoni li tkun impenjat ruħha li tidħol fiha ma' klijent.”;
- (12) fl-Artikolu 15, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “4. Meta tranżazzjoni bejn żewġ ditti tal-investment tiġi eżegwita barra mir-regoli ta' ċentru tan-negożjar, l-awtorità kompetenti għall-fini tad-determinazzjoni tar-reġim ta' differiment applikabbli għandha tkun l-awtorità kompetenti tad-ditta tal-investment responsabbli għall-pubblikazzjoni tan-negożjar permezz ta' APA f'konformità mal-Artikolu 21a(3) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014.”;
- (13) l-Artikolu 17 huwa emendat kif ġej:
- (a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:
 - (i) il-kliem introdutturji huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Sal-1 ta' Marzu ta' kull sena wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti u l-ESMA għandhom, fir-rigward ta' kull strument finanzjarju li għalih huma l-awtorità kompetenti, jiġbru d-data, jikkalkulaw u jiżguraw il-pubblikazzjoni ta' dan li ġej.”;
 - (ii) il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(c) il-valur medju tat-tranżazzjonijiet biex jiġi ddeterminat id-daqs standard tas-suq stabbilit fl-Artikolu 11(2) u l-livelli limitu stabbiliti fl-Artikoli 11a u 11b.”;
 - (b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. L-awtoritajiet kompetenti, l-operaturi tas-suq u d-ditti tal-investment, inklużi d-ditti tal-investment li joperaw ċentru tan-negożjar, għandhom jużaw l-informazzjoni ppubblikata f'konformità mal-paragrafu 1 għall-finijiet tal-Artikolu 4(1), il-punti (a) u (c), u l-Artikolu 14(2), (3) u (4) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, għall-perjodu bejn l-ewwel nhar ta' Tnejn ta' April tas-sena li fiha tiġi ppubblikata l-informazzjoni u l-jum qabel l-ewwel nhar ta' Tnejn ta' April tas-sena sussegwenti.”;
 - (c) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“7. Meta d-daqs tan-negożjar iddeterminat għall-finijiet tal-Artikolu 7(1) u (2), l-Artikolu 8(2), il-punt (a), l-Artikolu 11(1), l-Artikoli 11a u 11b, u l-Artikolu 15(1) jiġi espress f'valur monetarju u l-istrument finanzjarju ma jkunx iddenominat f'euro, id-daqs tan-negożjar għandu jiġi kkonvertit għall-munita li fiha jiġi ddenominat l-istrument finanzjarju billi tiġi applikata r-rata tal-kambju ta' referenza tal-euro tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-31 ta' Diċembru tas-sena preċedenti.”;
- (14) l-Artikolu 19 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 19
Klawżola ta' estinzjoni

L-Artikolu 17(6) u l-Anness IV ma għandhomx jibqgħu japplikaw mill-1 ta' Jannar 2026 u l-Artikolu 17(5) u l-Anness III ma għandhomx jibqgħu japplikaw mill-1 ta' Jannar 2027.”;

- (15) l-Anness I huwa emendat f'konformità mal-Anness IV ta' dan ir-Regolament;
- (16) l-Anness II huwa emendat f'konformità mal-Anness V ta' dan ir-Regolament;

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 1, l-Artikolu 2, il-punt (2), il-punti (3)(a) u (c), il-punt (5), il-punt (10)(a), u l-punt (13) għandhom japplikaw mit-2 ta' Marzu 2026.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 18.6.2025

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN